# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 220/2018

**Il-Pulizija**

**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Christopher Schembri**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2020

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Christopher Schembri detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 462375(M) pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2018 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **thassar,** tirrevoka u tikkancella d-digriet moghti fll-ismijiet premessi fid-19 ta' April 2018 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali presjeduta mill-Magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras, u konsegwentement tordna li ghandha tkun akkordata t-talba maghmula mill-appellant permezz ta' rikors tas-17 ta' April 2018 fejn talab lill-ewwel Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-droga u tirrimanda l-atti lill-ewwel Qorti ghall-

prosegwiment tal-kawza wara li l-ewwel Qorti tkun assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-droga;

Rat l-eccezzjoni sollevata mill-Avukat Generali fl-udjenza tat-3 ta' Frar, 2020 : "*L-Avukat Generali jecepixxi li l-appell minn decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati fejn cahdet it-talba tal-appellant biex tikkonverti f'Qorti tad-Droga ma jistax isir u dan ai termini tal-artikolu 8 subinciz (9) tal-Kapitolu 537 tal-Ligiijiet ta' Malta*";

Rat ghalhekk ir-rikors tal-appellant maghmul fis-17 t'April, 2018 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-kawza fl-ismijiet premessi li bih kien talab lill-ewwel Qorti jghogobha, prevja li tisma' x-xhieda li bi hsiebu jressaq in sostenn tat-talba tieghu, tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u dan kif kontemplat fl-artikolu 8 tal-Kap 537 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-ewwel Qorti ddisponiet minn din it-talba b' digriet tad-19 ta' April, 2018 bil-mod segwenti: "*In vista tal-fatt illi d-difiza ghalqet il-provi taghha fis-seduta mizmuma fl-20 ta' April, 2016 u ghalhekk sentejn ilu, kif ukoll illli l-Att I tas-sena 2015 dahal fis-sehh fil-15 ta' April 2015 u ghalhekk ferm qabel id-difiza ghalqet il-provi taghha, tichad it-talba*";

Semghet lill-partijiet;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellant u r-risposta tal-Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

1. Illi dak li ta lok ghall-kwistjoni hawn devoluta jemani minn imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Fil-mori ta' din il-kawza, l-appellant talab lill-istess Qorti sabiex tassumi l-

funzjoni ta' Qorti ta' Droga. Dan id-dritt huwa miftuh lilu per via tal-artikolu 8 ta' Kapitolu 537 tal-ligiijet ta' Malta, l-Att Dwar Dipendenza Fuq id-Droga (Trattament Mhux Prigunerija). L-applikazzjoni ta' dan l-artikolu hija soggetta ghall-kwalifiki ravvizati fis-subartikolu (2) tal-istess artikolu kif ukoll fl-artikolu 13. Issa, kif tajjeb osserva l-Avukat Generali, is-subinciz (9) tal-artikolu 8 jipprekludi appell minn decizjoni dwar l-assunzjoni o meno ta' din il-funzjoni. Dan is-subinciz jipprovdi hekk:

> **8 (9) M'ghandu jkun hemm l-ebda dritt ta' appell minn decizjoni tal-Qorti li tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga jew li tichad talba sabiex taghmel dan, jew minn xi decizjoni tal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.**

2. Huwa korrett ukoll l-Avukat Generali meta jghid illi din hija *lex specialis* li allura ghandha tipprevali fuq kull aspett procedurali li talvolta jista' jirregola l-ghoti ta' digriet u f'dan il-kaz d-dritt ta' appell minn digriet tal-ewwel Qorti. Issa, pero', irid jinghad illi meta l-ewwel Qorti cahdet it-talba tal-imputat appellant ma ghamlitx hekk in konsiderazzjoni ta' xi aspett ta' inapplikabilita' tal-artikolu 8 jew ta' xi raguni li tiskwalifika lill-imputat mill-applikabilita' tieghu. L-ewwel Qorti setghet, per ezempju, tqis illi mix-xhieda prodotti ma rrizultatx dik l-allegata dipendenza skond is-subinciz (2), jew li l-kwantita ta' droga involuta hija in eccess ta' dak ravvizat fir-raba' skeda tal-Kap 101 skond is-subinciz (1) jew li r-reat sehh f'distanza ta' mitt metru minn perimetru ta' skola. Ir-raguni tac-cahda ma huwiex intrinsikament marbut mal-applikabilita' o meno tal-artikolu 8 izda ghaliex l-ewwel Qorti, kif kellha kull dritt li taghmel biex izzomm il-buon ordni fit-treggija tal-kawza, deherilha li din it-talba messha saret ferm qabel u mhux f'dak l-istadju li mill-atti jidher li kien wiehed fejn il-kawza kienet ser tithalla ghas-sentenza;

3. Illi ghalhekk, l-Avukat Generali ma ghandux ragun fl-eccezzjoni tieghu la darba d-digriet tal-ewwel Qorti, ghalkemm jikkoncerna l-artikolu 8 tal-Kap 537 ma huwiex wiehed dwar l-applikabilita' o meno tal-istess artikolu;

4. Din il-kwistjoni, izda, hija ukoll soggetta ghal-wahda ta' ordni pubbliku peress illi l-artikolu 415(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi "l-appell minn digriet interlokutorju li ma jzommx il-kawza milli titmexxa 'l quddiem, jista' jsir biss wara s-sentenza definittiva, u flimkien mal-appell minn din is-sentenza". Dwar dan, l-appellant iressaq l-argument illi d-digriet tal-ewwel Qorti huwa wiehed interlokutorju li effettivament iwaqqaf il-proceduri;

5. Ir-ragunament avvanzat mill-appellant hu dak naxxenti mis-subartikolu (3) tal-artikolu 8 li jipprovdi hekk:

> **8. (3) Meta l-Qorti tohrog digriet li ser tassumi l-funzjonijiet tal-Qorti dwar id-Droga, il-Qorti ghandha tipprocedi sabiex tirreferi l-persuna akkuzata quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga li jkollu s-setgha li jaghti dawk l-ordnijiet fir-rigward tal-persuna akkuzata kif previst fl-artikolu 6".**

6. L-appellant hu tal-fehma illi l-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati jieqfu, bis-sahha ta' dan l-artikolu u jitkomplew quddiem il-Bord. U hawnhekk l-appellant ma ghandux ragun ghaliex il-Kap 537 jipprovdi, in succint, ghall-piena alternattiva ghal dak li hu prevvist fil-Kap 101 jew fil-Kodici Kriminali meta l-imputat juri li r-reat lilu imputat huwa sostanzjalment attribwibbli ghad-dipendenza tieghu fuq id-droga. F'kaz li tintlaqa' t-talba bhala dik in disamina, l-Qorti tirreferi lill-imputat quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga. Minn hemm 'l quddiem, il-Bord jerga' jirreferi l-kaz lill-Qorti tal-Magistrati sia

jekk l-imputat ma jkunx obda l-ordnijiet tal-Bord kif ukoll jekk ikun wera li heles mid-dipendenza tieghu fuq id-droga u minn hemm 'l quddiem l-kawza titkompla quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Fi kliem iehor, l-ilqugh o meno ta' talba sabiex il-Qorti tal-Magistrati tassumi l-funzjoni tal-Qorti ta' Droga fi hdan il-Kapitolu 537 ma jzommx il-kawza milli timxi 'l quddiem la darba referenza lill-Bord mill-istess Qorti ikun ifisser biss sospensjoni temporanja tal-kawza sakemm il-Bord jiddeciedi jekk imputat ikunx jew le jimmerita li fil-konfront tieghu ma jkunx applikat it-terminu minimu mandatorju ta' prigunerija. Id-decizjoni dwar il-htija u s-sanzjoni applikabbli ghalhekk tibqa' dejjem fl-ambitu ta' dik l-istess Qorti tal-Magistrati;

7. Id-digriet in disamina **ma jzommx il-kawza milli titmexxa 'l quddiem** fit-termini tal-artikolu 415(1) tal-Kodici Kriminali u ghalhekk ma huwiex appellabbli f'dan l-istadju;

8. Ghal dawn il-motivi u konsegwentement tichad it-talba u tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghall-prosegwiment tal-kawza.